

Brussell, 28 ta' Lulju 2026
(OR. en)

11741/26
ADD 1

Fajl Interistituzzjonali:
2026/0216 (NLE)

AELE 59
FL 27
ISL 37
N 63
MI 760
ENER 504

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	27 ta' Lulju 2026
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2026) 389 annex
Suġġett:	ANNESS tal- Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni Ewropea, fil-Komitat Konġunt taż-ŻEE, dwar l-emenda tal-Anness IV (Enerġija) tal-Ftehim ŻEE (Kodiċi tan-Network dwar l-Ibbilanċjar tal-Gass tan-Networks ta' Trażmissjoni)

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż id-dokument COM(2026) 389 annex.

Mehmuż: COM(2026) 389 annex



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 27.7.2026
COM(2026) 389 final

ANNEX

ANNESS

tal-

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

**dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni Ewropea, fil-Komitat
Konġunt taż-ŻEE, dwar l-emenda tal-Anness IV (Enerġija) tal-Ftehim ŻEE
(Kodiċi tan-Network dwar l-Ibbilanċjar tal-Gass tan-Networks ta' Trażmissjoni)**

ANNESS

ABBOZZ TA' DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru [...]

ta' [...]

li temenda l-Anness IV (Enerġija) tal-Ftehim ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ("il-Ftehim ŻEE"), u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 312/2014 tas-26 ta' Marzu 2014 li jistabbilixxi Kodiċi tan-Network dwar l-Ibbilanċjar tal-Gass tan-Networks ta' Trażmissjoni¹ jrid jiġi inkorporat fil-Ftehim ŻEE.
- (2) Skont id-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 93/2017 tal-5 ta' Mejju 2017², l-Iżlanda għandha deroga mir-Regolament (KE) Nru 715/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, li hija l-bażi legali għar-Regolament (UE) Nru 312/2014. Għalhekk, jenħtieġ li r-Regolament (UE) Nru 312/2014 ma japplikax għall-Iżlanda.
- (3) L-Artikolu 2(2) tar-Regolament (UE) Nru 312/2014 jipprevedi li r-Regolament ma għandux japplika għal żoni ta' bbilanċjar fl-Istati Membri li għandhom deroga abbażi tal-Artikolu 49 tad-Direttiva 2009/73/KE. F'konformità mad-Direttiva 2009/73/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, kif inkorporata fil-Ftehim ŻEE bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 93/2017 tal-5 ta' Mejju 2017³, tali deroga tapplika għal-Liechtenstein. Għalhekk, jenħtieġ li r-Regolament (UE) Nru 312/2014 ma japplikax għal-Liechtenstein.
- (4) Ma hemm l-ebda network ta' trażmissjoni tal-gass fin-Norveġja soġġett għad-dispożizzjonijiet tar-Regolament (KE) Nru 715/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar il-kondizzjonijiet għall-aċċess għan-networks ta' trażmissjoni tal-gass naturali u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1775/2005⁴. Għalhekk, jenħtieġ li r-Regolament (UE) Nru 312/2014 jiġi inkorporat fil-Ftehim ŻEE u traspost fil-liġi nazzjonali, iżda jenħtieġ li l-applikazzjoni tiġi sospiża sakemm jiġi stabbilit network operazzjonali ta' trażmissjoni tal-gass fin-Norveġja. Meta jiġi stabbilit network operazzjonali ta' trażmissjoni tal-gass, jenħtieġ li n-Norveġja tinnotifika lill-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA kif xieraq.
- (5) Peress li r-Regolament (UE) Nru 312/2014 ġie adottat abbażi tar-Regolament (KE) Nru 715/2009, it-testi tal-adattament elaborati u adottati skont id-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 93/2017 tal-5 ta' Mejju 2017⁵, li jinkorporaw ir-

¹ ĠU L 91, 27.3.2014, p. 15.

² ĠU L 36, 7.2.2019, p. 44.

³ ĠU L 36, 7.2.2019, p. 44.

⁴ ĠU L 211, 14.8.2009, p. 36.

⁵ ĠU L 36, 7.2.2019, p. 44.

Regolament (KE) Nru 715/2009 fil-Ftehim ŻEE, huma rilevanti għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 312/2014.

(6) Għalhekk, jenħtieġ li l-Anness IV tal-Ftehim ŻEE jiġi emendat kif xieraq,
ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-punt li ġej jiddaħħal wara l-punt 51 (ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1348/2014) tal-Anness IV tal-Ftehim ŻEE:

“52. **32014 R 0312:** Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 312/2014 tas-26 ta' Marzu 2014 li jistabbilixxi Kodiċi tan-Network dwar l-Ibbilanċjar tal-Gass tan-Networks ta' Trażmissjoni (ĠU L 91, 27.3.2014, p. 15).

Għall-finijiet ta' dan il-Ftehim, id-dispożizzjonijiet tar-Regolament għandhom jinqraw bl-adattament li ġej:

In-Norveġja tista' tissospendi l-implimentazzjoni tar-Regolament sakemm jibda jopera network ta' trażmissjoni tal-gass fit-territorju tagħha. In-Norveġja għandha tinnotifika lill-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA meta jiġi stabbilit network tal-gass.

Ir-Regolament ma għandux japplika għall-Iżlanda u l-Liechtenstein.”

Artikolu 2

It-test tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 312/2014 bil-lingwa Iżlandiża u b'dik Norveġiża, li se jiġi ppubblikat fis-Suppliment dwar iż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandu jkun awtentiku.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fi [...], bil-kundizzjoni li jkunu saru n-notifiki kollha skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ŻEE*.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, u fis-Suppliment tiegħu dwar iż-ŻEE.

Magħmul fi Brussell, [...].

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

Il-President

[...]

Is-Segretarji

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

[...]

* [Ma huwa indikat l-ebda rekwiżit kostituzzjonali.] [Huma indikati rekwiżiti kostituzzjonali.]